KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.11.2008
KUMM(2008) 685 finali

2008/0202 (AVC)

Proposta ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

rigward il-firma f'isem il-Komunità u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli

Proposta ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli

(preżentati mill-Kummissjoni)

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (minn hawn 'il quddiem: "il-ftehim agrikolu") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

Il-Konfederazzjoni Żvizzera ntrabtet li tiġbor fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi Nru°91/496/KEE tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li jiffissaw il-prinċipji dwar l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji għall-annimali li jkunu ġejjin minn terzi pajjiżi u introdotti fil-Komunità u li jemendaw id-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE, Nru°97/78/KE tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1997 li jistabbilixxu l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi, tad-Direttiva 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman, tar-Regolament (KE) Nru°882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali u tal-ġabra ta' dispożizzjonijiet meħuda għall-applikazzjoni tagħhom fil-qasam tal-kontroll ta' importazzjonijiet ġejjin minn pajjiżi terzi għall-Unjoni Ewropea.

Il-Konfederazzjoni Żvizzera ntrabtet li tiġbor fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru°998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġijiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali ta' pets, u li jemenda d-Direttiva 92/65/KEE tal-Kunsill.

Ikun jaqbel li bħala konsegwenza jkunu adattati d-dispożizzjonijiet tal-Anness 11 tal-ftehim agrikolu. Fil-25 ta' Ottubru 2004 l-Kunsill kien awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera bil-ħsieb li jkun emendat il-ftehim agrikolu, li jkun aġġornat u jkunu aġġustati d-dispożizzjonijiet tiegħu, (SEC(2004) 1043 F tat-12 ta' Awwissu 2004). Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5, paragrafu 2 tal-Ftehim Agrikolu, l-Anness 11 huwa eskluż mill-proċedura ta' emendi stabbilita fl-Artikolu 11 tiegħu. L-emenda tal-Anness 11 trid ukoll tkun approvata permezz ta' proċedura identika għal dik tal-Ftehim Agrikolu.

L-applikazzjoni provviżorja ta' din id-Deċiżjoni, fl-istennija tat-tlestija ta' proċeduri interni tal-partijiet, tippermetti li jittieħdu in konsiderazzjoni t-tibdiliet kaġunati bl-emenda ta' appendiċi tal-Anness 11 u l-irtirar ta' verifiki veterinarji fil-fruntieri b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009.

Il-Kummissjoni ppreżentat ukoll lill-Kunsill il-proposti għal żewġ Deċiżjonijiet, rispettivament fuq il-firma bl-applikazzjoni provviżorja u fuq il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Komunità Ewropea fuq l-emenda tal-Anness 11 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli, kif preżentati fl-annessi.

Din id-deċiżjoni ma għandha ebda effett finanzjarju fuq il-baġit tal-Komunità Ewropea.

L-emenda tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli se tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Proposta ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

rigward il-firma f'isem il-Komunità u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli tiegħu 133 u 310 flimkien mal-Artikolu 300, paragrafu 2, it-tieni subinċiż,

wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

qies dan li ġej:

(1) Fil-25 ta' Ottubru 2004 l-Kunsill kien awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera bil-ħsieb li jkun emendat il-Ftehim agrikolu, li jkun aġġornat u jkunu aġġustati d-dispożizzjonijiet tiegħu, (SEC(2004) 1043 F tat-12 ta' Awwissu 2004);

(2) Il-Komunità u l-Konfederazzjoni Żvizzera nnegozjaw Ftehim li jemenda l-Anness 11 tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli;

(3) Dan il-Ftehim għandu japplika provviżorjament b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009 bl-istennija li jkunu kompluti l-proċeduri interni tal-partijiet;

(4) B'riżerva tal-konklużjoni tiegħu f'data ulterjuri, jaqbel li jkun iffirmat il-Ftehim ippreżentat fl-Anness.

IDDEĊIEDA:

Artikolu 1

Il-firma tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli hija approvata f'isem il-Komunità, b'riżerva tal-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim f'data ulterjuri.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż fl-Anness fid-Deċiżjoni attwali.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnomina persuna/i ta' ħila biex tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim, f'isem tal-Komunità, b'riżerva tal-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Sakemm ikunu kompluti l-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu, il-Ftehim ikun japplika provvižorjament b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009, skont id-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 tal-Ftehim mehmuż fl-Anness.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni attwali se tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2008/0202 (AVC)

Proposta ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tapprova l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 133 u 310 tiegħu flimkien mal-Artikolu 300(3), it-tieni subinċiż,

wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

wara li kkunsidra l-opinjoni skont il-Parlament Ewropew,

iqis dan li ġej:

(1) Il-Kummissjoni kienet innegozjat, f'isem il-Komunità Ewropea, ftehim li jemenda l-Anness 11 tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli;

(2) Dan il-Ftehim kien iffirmat f'isem il-Komunitá Ewropea fl-xx.xx.2008, b'riżerva tal-konklużjoni tiegħu f'data ulterjuri, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill xx/xxx/KE tal-xx.xx.2008;

(3) Jaqbel li jkun approvat il-Ftehim.

IDDEĊIEDA:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunitá Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli huwa approvat, f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-ftehim huwa mehmuż fl-Anness tad-Deċiżjoni attwali.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni attwali tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

L-ANNESS

Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Komunità Ewropea li jemenda l-Anness 11 tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità ", u

IL-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Iżvizzera ",

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-partijiet ",

iqisu dan li ġej:

(1) il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Ftehim, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002,

(2) l-Anness 11 tal-Ftehim jikkonċerna l-miżuri sanitarji u żootekniċi li japplikaw għall-kummerċ ta' annimali ħajjin u ta' prodott tal-annimali, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Anness 11",

(3) l-Iżvizzera ntrabtet li tpoġġi fil-leġiżlazzjoni tagħha id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 rigward il-kundizzjonijiet tar-regoli sanitarji applikabbli għall-movimenti ta' mhux kummerċjali ta' pets, u li jemenda d-Direttiva 92/65/KEE tal-Kunsill[1]. Il-Partijiet għandhom bħala konsegwenza jemendaw il-Ftehim biex jinżamm kont tal-estensjoni tal-qasam tal-applikazzjoni tiegħu għall-moviment mhux kummerċjali ta' pets,

(4) l-Iżvizzera ntrabtet li tiġbor fil-leġiżlazzjoni tagħha d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 91/496/KEE tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li tiffissa l-prinċipji dwar l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji għall-annimali li jkunu ġejjin minn terzi pajjiżi u introdotti fil-Komunità u li temenda d-direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE[2], Nru 97/78/KE tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 1997 li tiffissa l-prinċipji dwar l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji għall-prodotti li jkunu ġejjin minn terzi pajjiżi u introdotti fil-Komunità[3], tad-Direttiva 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman[4], tar-Regolament (KE) Nru°882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali[5] u tal-ġabra ta' dispożizzjonijiet meħuda għall-applikazzjoni tagħhom fil-qasam tal-kontroll ta' importazzjonijiet ġejjin minn terzi pajjiżi għall-Unjoni Ewropea u li l-Partijiet għandhom bħala konsegwenza jadattaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim,

---

1 ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.
2 ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
3 ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
4 ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
5 ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

(5) l-emendi u l-aġġustamenti li saru bl-evoluzzjoni rispettiva għal leġiżlazzjonijiet li jevitaw l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kumitat imħallat veterinarju. Huwa għalhekk meħtieġ li jkun aġġornat u emendat l-Anness 11 tal-Ftehim.

QABLU DWAR ID-DISPOŻIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

Artikolu 1

1. It-tielet inċiż jiżdied fl-aħħar tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 tal-Anness 11:

"– fuq il-movimenti mhux kummerċjali ta' pets.".

2. It-titolu tat-Titolu I tal-Anness 11 huwa emendat kif ġej:

"Kummerċ ta' annimali ħajjin, l-isperma, il-bajd u l-embrijuni tagħhom u movimenti mhux kummerċjali ta' pets".

3. L-Artikolu 3 tat-Titolu I tal-Anness 11 jinbidel bid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

"Artikolu 3

Il-Partijiet iridu li l-kummerċ ta' annimali ħajjin, l-isperma, il-bajd, l-embrijuni tagħhom u l-movimenti mhux kummerċjali ta' pets isir skont il-leġiżlazzjonijiet li huma msemmija fl-Appendiċi 2. L-applikazzjoni ta' dawn il-leġiżlazzjonijiet hija soġġetta għall-modalitajiet partikulari stipulati fl-istess Appendiċi."

Artikolu 2

L-Artikoli 15 tal-Anness 11 qed jinbidel kif ġej:

"Artikolu 15
Prodotti tal-annimali: kontrolli fil-fruntieri u miżati

Il-kontrolli dwar il-kummerċ bejn il-Komunità u l-Iżvizzera ta' prodotti tal-annimali jsru skont id-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 10."

Artikolu 3

Il-Ftehim preżenti jkun ratifikat jew approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri interni tagħhom.

Il-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-twettiq ta' dawn il-proċeduri.

Huwa japplika provviżorjament b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009 bl-istennija li jkunu kompluti dawn il-proċeduri.

Artikolu 4

Il-Ftehim preżenti jkun stabbilit b'żewġ kopji fil-lingwa Ġermaniża, Ingliża, Bulgara, Daniża, Spanjola, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Latvjana, Litwanjana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Żvediża u Ċeka, kull wieħed minn dawn it-testi jkun awtentiku l-istess.

Bix-xhieda, il-plenipotenzjarji qegħdu l-firma tagħhom fil-qiegħ tal-Ftehim preżenti.

Magħmul ..., il- …

Għall-Komunità Ewropea

Għall-Konfederazzjoni Żvizzera